

Dispożittiv

- 1) Hello Media Group, SL, hija ammessa sabiex tissostitwixxi lil Hello Media, SL, bħala rikorrenti.
- 2) Ir-rikors huwa miċħud.
- 3) Hello Media Group hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 296, 16.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ottubru 2017 – Hello Malta Group vs EUIPO – Hola (#hello media group)

(Kawża T-331/16) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea #hello media group — Trade marks figurattivi u trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea HELLO! — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]"

(2017/C 424/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Hello Media Group, SL (Madrid, Spanja), awtorizzata tissostitwixxi lil Hello Media, SL (rappreżentant: A. Alejos Cutuli, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Hola, SL (Madrid) (rappreżentant: F. Arroyo Álvarez de Toledo, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' April 2016 (Każ R 2012/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Hola u Hello Media.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Hello Media Group, SL, hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 296, 16.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ottubru 2017 – VIMC vs Il-Kumissjoni

(Kawża T-431/16) ⁽¹⁾

["Kompetizzjoni — Abbuż ta' pożizzjoni dominanti — Suq ta' kura tas-saħħa privata — Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Deċiżjoni ta' każ ta' ilment — Trattament tal-każ minn awtorità ta' kompetizzjoni ta' Stat Membru"]

(2017/C 424/45)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: VIMC – Vienna International Medical Clinic GmbH (Kulmbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Bramerdorfer u H. Grubmüller, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Dawes u C. Vollrath, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3351 finali, tas-27 ta' Mejju 2016, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti dwar ksur tal-Artikolu 102 TFUE allegatament imwettaq mill-Wirtschaftskammer Österreich (WKO, Kamra ekonomika tal-Awstrija) jew il-Fachverband der Gesundheitsbetriebe (assoċjazzjoni professjonali ta' impriżi fil-qasam tas-saħħa, l-Awstrija) (Każ AT.40231 – VIMC/WK&FGB).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) VIMC – Vienna International Medical Clinic GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 371, 10.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2017 – Lucaccioni vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-551/16) (¹)

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Espożizzjoni għall-asbestos u għal sustanzi oħra — Marda kkaġunata mix-xogħol — Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal — Regoli komuni dwar l-assigurazzjoni għar-riskji ta' inċidenti u ta' mard ikkaġunat mix-xogħol — Artikolu 14 — Artikolu 266 TFUE — Użu ħażin ta' poter — Kumitat Mediku — Prinċipju ta' kolleġjalità — Ksur tal-mandat tal-Kumitat Mediku — Obbligu ta' motivazzjoni — Rikors għad-danni — Tul tal-proċedura — Danni morali”)

(2017/C 424/46)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Arnaldo Lucaccioni (San Benedetto del Tronto, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalemnt minn M. Velardo, sussegwentement minn L. Gialluca, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni (rappreżentanti: T. Bohr u G. Gattinara, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni li tingħata biss żieda tal-kumpens ta' 20 % skont l-Artikolu 14 tar-regoli komuni dwar l-assigurazzjoni għar-riskji ta' inċidenti u ta' mard ikkaġunat mix-xogħol tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, insegwitu għat-talba tar-rikorrent tas-7 ta' Ġunju 2000, u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni morali allegatament subiti mir-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tas-26 ta' Ġunju 2014, li taġti lil Arnaldo Lucaccioni żieda tal-kumpens ta' 20 % skont l-Artikolu 14 tar-regoli komuni dwar l-assigurazzjoni għar-riskji ta' inċidenti u ta' mard ikkaġunat mix-xogħol tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni hija kkundannata tħallas lil A. Lucaccioni kumpens ta' EUR 5 000 għad-danni moral subiti.